IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# Dikjarazzjonijiet mill-Irlanda dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea

## Dikjarazzjoni mill-Irlanda dwar l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas

F'konformità mal-Artikolu 7(4), l-Irlanda b'dan tiddikjara li mhix ser tapplika l-paragrafu 1 tal-Artikolu 7 wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

## Dikjarazzjoni mill-Irlanda dwar l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni Qafas

F'konformità mal-Artikolu 28(2), l-Irlanda b'dan tiddikjara li, f'każijiet fejn is-sentenza finali tkun inħarġet qabel id-data ta' meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni Qafas, l-Irlanda, bħala stat emittenti u stat ta' eżekuzzjoni, ser tkompli tapplika l-istrumenti legali dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati li kienu japplikaw qabel din id-Deċiżjoni Qafas.